**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 2 ta' Lulju 2020**

**Talba Nru: 240/18 CZ**

**Galea Insurance Brokers Limited (C 12858)**

**vs.**

1. **Matthew Cauchi**
2. **Rubyanne Cauchi**
3. **CHI Consultants Limited (C 58400)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fit-28 ta' Mejju 2018 li biha premettiet:

Illi qieghda tintalab is-somma ta' tlett'elef seba' mija u tnax-il Euro u sebgha u sittin centezmu (€3,712.67), jew somma ohra verjuri, rapprezentanti d-danni inkorsi mir-rikorrenti u cioe' l-konsum gholi u zejjed ta' ilma fl-ufficcju tar-rikorrenti (kont relattiv tal-Automated Revenue Services Ltd. hawn anness u mmarkat bhala Dok. A, liema kont gie debitament imhallas), u dana stante illi l-konsulenzi u s-servizzi mwettqa mill-intimati, jew min minnhom, fl-ambitu tar-relazzjonijiet

kuntrattwali ta' bejn il-partijiet, liema intimati tqabbdu mir-rikorrenti sabiex jidentifikaw il-leakage jew is-sors tal-konsum eccessiv ta' ilma, saru b'mod negligenti, bi traskuragni, u minghajr il-hila u mhux skond is-sengha u l-arti ragonevoli u mistennija fis-suq u mwieghda mill-intimati, tant illi l-intimati ma identifikawx il-problema li kienet facilment identifikabbli, u dan kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Dan l-ammont ta' €3,712.67 huwa dovut mill-intimati, jew min minnhom, lir-rikorrenti u ghaddu ma thallasx minkejja li l-intimati gew interpellati jaghmlu dan, anke permezz tal-protest gudizzjarju tal-5 t'April 2016, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Bl-imghaxijiet legali skond il-ligi sal-pagament effettiv u bl-ispejjez gudizzjarji, inkluz tal-protest gudizzjarju tal-5 t'April 2016, kontra l-intimati li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti mressqa fl-4 ta' Lulju 2018 li permezz taghha eccepew:

1. Illi l-allegazzjonijiet kollha tal-atturi huma infondati kemm fil-fatt u fid-dritt;
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, kien in-nuqqas tal-istess atturi li x-xoghol ma setax isir;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ingunti in subizzjoni.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Ra x-xiehda ta' Rosanne Galea[1], Corinne Farrugia[2], Grace Zerafa[3], Stephen Galea St. John[4], Katya Marie Axiaq[5], l-Avukat Simon Cachia[6], il-konvenuta[7], u l-konvenut[8].

Ra d-dikjarazzjoni verbalizzata mill-avukat difensur tas-socjeta' attrici fis-seduta tat-18 ta' Frar 2019 li permezz taghha naqqas is-somma mitluba f'din il-kawza ghal dik ta' tlett'elef tliet mija u tmenin Euro (€3,380).

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi s-socjeta' attrici ilmentat ghandha l-ufficcju taghha fil-Furjana. Gara illi fil-11 ta' Lulju 2014 irceviet ittra minghand il-Water Services Corporation li indikatilha illi minhabba l-konsum gholi ta' ilma li kien qed ikun registrat fl-ufficcju taghha, seta' kellha xi hsara fis-sistema interna tal-ilma li minhabba fiha kien qed jinhela l-ilma.

Illi s-socjeta' attrici inkarigat lis-socjeta' konvenuta sabiex tidentifika minn fejn gejja l-hsara, anke ghaliex is-socjeta' konvenuta ghandhom camera li tahdem bis-shana u li biha jista' jigi lokalizzat il-punt tal-hsara minghajr ma jsir tkissir zejjed.

[1] Fol. 15 u fol. 50 u in kontro-ezami fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2019
[2] Fol. 19 u fol. 71
[3] Fol. 32
[4] Fol. 35
[5] Fol. 47
[6] Fol. 69
[7] Fol. 89
[8] Fol. 94 u in kontro-ezami fis-seduta tal-24 ta' Settembru 2019

Illi r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta talab lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici tizgura li kellha provvista ta' mishun sabiex ikun jista' jaghmel it-testijiet necessarji. Fl-ewwel zjara li ghamel fuq il-post fit-22 ta' Lulju 2014, dan il-mishun ma kienx disponibbli ghaliex il-geyser li kien hemm ma kienx jahdem. Fit-tieni zjara fil-5 t'Awwissu 2014, is-socjeta' attrici qalet li kienet bidlet il-*geyser* sabiex tassigura ruhha li jkun hemm il-mishun, izda l-konvenut Cauchi min-naha l-ohra qal li ma kien inbidel xejn u li l-*geyser* li kien hemm kien ukoll difettuz u jqattar. F'din it-tieni zjara, il-konvenut Cauchi kien lahaq rama t-taghmir necessarju sabiex jibda t-test bit-*thermal camera*. Meta ra li l-provvista tal-mishun kienet ghadha difettuza, il-konvenut informa b'dan lir-rapprezentant tas-socjeta' attrici Rosanne Galea, u infurmaha li ma setax ikompli bit-test.

Illi wara din iz-zjara Rosanne Galea mis-socjeta' attrici ma regghetx kellmet lill-konvenut jew xi rapprezentant tas-socjeta' konvenuta. Fil-fatt is-socjeta' konvenuta baghtet kont lis-socjeta' attrici fis-27 ta' Novembru 2014 ghax-xoghlijiet imwettqa sa dakinhar.

Illi sussegwentement Rosanne Galea mis-socjeta' attrici semghet minn fejn kien hiereg l-ilma peress li semghet l-ilma ghaddej minn wara l-madum tal-hitan. Fil-fatt f'Dicembru 2014 qabbdet lill-haddiema biex isewwu l-pipe in kwestjoni, u ssewwa. Dan wara li s-socjeta' attrici kienet irceviet it-<u>tieni</u>[9] ittra minghand il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma datata 18 ta' Novembru 2014, sabiex jisssenjalawlha li kien qed isir konsum esagerat tal-ilma. Dan wara wkoll illi s-socjeta' konvenuta baghtet il-kont taghha (fis-27 ta' Novembru 2014) ghax-xoghol imwettaq. Mill-qari tal-meter ta' Jannar 2015 irrizulta li l-hela tal-ilma waqfet f'dan il-punt.

Illi s-socjeta' attrici ssostni li l-konvenut kellu juza s-sors tal-mishun tieghu billi jipprovdi l-*gas water heater* tieghu ladarba hu kkonferma li kellu wiehed u kien

[9] Sottolinear tat-Tribunal

juzah fi bnadi ohra, u jzomm prezz mizjud talli dan jintuza. Min-naha l-ohra l-konvenut isostni illi kienet is-socjeta' attrici li ntrabtet li ssewwi hi l-*geyser* in kwestjoni u dan sabiex tahdem bil-*plumber* ta' fiducja taghha.

Illi t-Tribunal jinnota illi permezz taz-zjara preliminari li ghamel il-konvenut, is-socjeta' konvenuta kienet diga' stabbiliet li hemm difett fil-pipe tal-ilma kiesah. Dan kif jirrizulta mir-rendikont a fol. 93 tal-process prezentat mill-konvenuta.

Illi jirrizulta lit-Tribunal illi wara l-5 t'Awwissu 2014 ma saret l-ebda komunikazzjoni min-naha tas-socjeta' attrici mal-konvenuti jew xi wiehed minnhom sabiex jinfurmawhom kif kienu baqghu dwar it-tiswija tal-geyser. Anke jekk stess kienu jsostnu li l-geyser kien tajjeb, jibqa' l-fatt illi baqghu ma kkomunikawx mill-gdid mas-socjeta' konvenuta sabiex isir it-test li kellu jsir. Dan in-nuqqas irid jittiehed in konsiderazzjoni, peress li s-socjeta' attrici kienet taf li si tratta ta' *leak* ta' ilma, u li dan il-*leak* mhux ha jieqaf wahdu. Is-socjeta' attrici ghalhekk kienet pjenament konsapevoli illi fil-perjodu ta' wara Awwissu 2014 kien ha jibqa' jinhela l-ilma, u ma setghetx titfa' r-responsabbilta' kollha ghal dan fuq is-socjeta' konvenuta. Huwa minnu li s-socjeta' konvenuta giet inkarigata sabiex tillokalizza d-difett in kwestjoni, izda l-fatt illi s-socjeta' attrici halliet erba' (4) xhur shah sabiex regghet hadet l-inizjattiva u sewwiet il-hsara jmur kontriha u mhux kontra s-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' attrici ma setghet tippretendi li jkun hemm appalt miftuh ghal dejjem bis-socjeta' konvenuta li toqghod *stand by* sabiex twiegeb ghad-danni x'hin jidhrilha s-socjeta' attrici. Ghalhekk dan kollu ha jittiehed qies tieghu fid-decizjoni dwar il-mertu.

Illi min-naha l-ohra, il-konvenut, ladarba sab, kif sostna, illi l-geyser in kwestjoni kien difettuz, u ghalhekk ma setax jahdem bih, kellu b'inizjattiva tieghu juza l-geyser li kien jipprovdi, anke jekk hemm bzonn fi zjara sussegwenti, u jaghmel it-testijiet li kien hemm bzonn. It-Tribunal jirrileva li kien dan li kienet titlob is-sengha u l-arti u d-diligenza da parti tas-socjeta' konvenuta f'dan il-kaz. Dan iktar u iktar meta wiehed jikkonsidra illi s-socjeta' attrici ma jidhirx li rrestringiet lis-

socjeta' konvenuta b'xi *budget* ta' nfieq sabiex jinstab id-difett in kwestjoni, kif ukoll lanqas ma ndahlitilha fil-mod ta' kif ghandu jigi stabbilit id-difett. Semplicement halliet f'idejn il-perizja tal-istess socjeta' konvenuta u daqshekk.

Illi ghalhekk, filwaqt li t-Tribunal jirrizultalu illi s-socjeta' attrici kkontribwiet hi nfisha ghad-danni mahluqa, bl-*inertia* li damet fuq il-medda ta' madwar erba' xhur minn Awwissu sa Dicembru 2014, u cioe' minn wara li nkarigat lis-socjeta' konvenuta minghajr success, jirrizultalu wkoll illi l-konvenut naqas milli jadempixxi l-obbligi tieghu meta ma uzax l-apparat kollu disponibbli ghalih meta dan kien jintuza u kellu access ghalih.

Illi ghalhekk it-Tribunal sejjer jalloka d-danni sofferti hekk kif gej: Dak il-konsum li sar bejn il-21 ta' Lulju 2014 (gurnata qabel ma acceda l-ewwel darba l-konvenut fuq il-post) sal-5 ta' Settembru 2014 (xahar wara li acceda l-ahhar il-konvenut fuq il-post), ghandu jithallas mis-socjeta' konvenuta, u dan ghaliex ghat-Tribunal huwa ragonevoli li problema bhal din is-socjeta' konvenuta tiehu xahar sabiex issolviha u tillokalizza l-hsara. Dak il-konsum li sar izda wara d-data tal-5 ta' Settembru 2014 ghandu jithallas mis-socjeta' attrici, u dan ghar-ragunijiet ta' kontribuzzjoni tas-socjeta' attrici nfisha ghad-danni kif spjegat hawn fuq. Skond ix-xiehda ta' Corinne Farrugia, l-ammont mitlub ghall-perjodu bejn il-21 ta' Lulju 2014 sa nofs Jannar 2015 (b'kollox 178 gurnata) jammonta ghal tlett'elef tliet mija u tmenin Euro (€3,380), u dan abbazi ta' talba ta' €2.50 ghal kull metru kubu ta' ilma. Fil-fatt is-socjeta' attrici naqqset l-ammont mitlub f'din il-kawza ghal dan l-ammont wara li kkunsidrat illi s-socjeta' konvenuta fil-fatt issejjhet f'Lulju 2014. It-Tribunal qieghed jibbaza ruhu fuq dan l-istess kalkolu sabiex ghall-perjodu bejn il-21 ta' Lulju 2014 sal-5 ta' Settembru 2014 (46 gurnata) jirrizultalu li kien hemm ghalhekk tmin mija u tlieta u sebghin Euro u tmienja u erbghin centezmu (€873.48) f'konsum, u dan ghandu jithallas mis-socjeta' konvenuta.

Illi fir-rigward tat-tahrik ta' tliet konvenuti, jirrizulta illi s-socjeta' attrici inkarigat bic-car lis-socjeta' konvenuta sabiex taghmel it-testijiet in kwestjoni u mhux lill-

konvenuti personalment. Anke mix-xiehda tal-istess Rosanne Galea, issemmiet dejjem is-socjeta' konvenuta u d-dokumenti li pprezentat a fol. 21 sa 27 li huma kopji stampati tas-sit elettroniku tas-socjeta' konvenuta, juru l-isem tas-socjeta' konvenuta. Ghalhekk it-Tribunal ma jirrizultalux li ghandu jkun hemm xi responsabbilta' in solidum bejn it-tliet konvenuti; anzi l-konvenuti Cauchi ghandhom jinhelsu mill-osservanza tal-gudizzju. Minkejja li ma nghatatx eccezzjoni f'dan is-sens, it-Tribunal ghandu jikkundanna lil min jirrizultalu li huwa responsabbli u mhux ghax ikollu diversi konvenuti jikkundannahom f'daqqa minghajr ebda differenza.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li filwaqt li jilqa' parzjalment l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, jichad il-bqija tal-eccezzjonijiet u ghalhekk filwaqt li jehles mill-osservanza tal-gudizzju lill-konvenuti Matthew Cauchi u Rubyanne Cauchi, jilqa' parzjalment it-talbiet tas-socjeta' attrici, u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta wahidha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmin mija u tlieta u sebghin Euro u tmienja u erbghin centezmu (€873.48), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sal-hlas effettiv.

L-ispejjez kif mitluba ghandhom jithallsu kwantu ghal nofs mis-socjeta' attrici u nofs mis-socjeta' konvenuta.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur